# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 2 ta' Frar 2021**

## Talba numru 199/2020

***GasanMamo Insurance Limited (C3143) u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha John Bundy kemm bil-polza u kemm bil-liġi u b'digriet tat-Tribunal datat 15 ta' Diċembru 2020 għandha tiżdied "(196860M)"***

***vs.***

***Brandon Caruana (175289M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020;

Ra li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut taqra hekk:

"*Illi preliminarjament, dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza ratione materiae sabiex jieħu konjizzjoni tal-kawża de quo u sabiex jiddetterminaha u dan ai termini tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387*";

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2020, il-kawża ġiet differita għall-provi kollha u għat-trattazzjoni rigward l-ewwel eċċezzjoni;

Ra li fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2020 tressqu sabiex jixhdu l-konvenut innifsu kif ukoll Alex Pizzuto;

Ħa konjizzjoni tat-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għal sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni għat-2 ta' Frar 2021.

**Provi ippreżentati**

Il-konvenut xehed u qal li hu kellu vann bil-*lifter* bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ461 u li fit-8 ta' Ottubru 2019 fi Triq Ħaż-Żabbar fir-Raħal Ġdid, waqt li kien qiegħed jitgħabba x-xogħol fil-vettura, sar inċident. Il-*lifter* kien fuq il-vann u mhux xi ħaġa li tinġarr wara l-vann. Caruana qal li l-vann kien assigurat.

In kontro-eżami, Caruana qal li fil-ħin tal-inċident, is-saqajn tal-vann kienu mniżżlin u l-vann kien essenzjalment ipparkjat. Huwa kkonferma li ma kienx qiegħed isuqu fil-ħin tal-inċident. Caruana żied li ladarba kellu s-saqajn imniżżlin u jmissu mal-art, ma setax jinstaq f'dak l-istat.

Min-naħa tiegħu, ix-xhud Alex Pizzuto qal li l-vettura KBJ461 kienet koperta minn żewġ poloz tal-assigurazzjoni. L-ewwel waħda kienet *motor insurance policy* li kienet tirrigwarda s-sewqan fit-triq. Dik kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-polza l-oħra kienet polza "*tool of trade*". Pizzuto qal li relattivament għall-inċident tat-8 ta' Ottubru 2019, il-polza applikabbli kienet din tal-aħħar stante li fil-ħin tal-inċident, il-vettura ma kinitx qed tiġi misjuqa. Huwa żied jgħid li din l-informazzjoni tkun inkisbet jew mill-assigurat jew tramite r-rapport tal-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet**

Huwa evidenti li l-partijiet jaqblu li fil-ħin tal-inċident, il-vettura relattiva – li ċertament hija vettura li tista' tinstaq fit-triq – kienet iżda b'saqajn imniżżlin u stazzjonarja. Jirriżulta mix-xhieda li fil-ħin relattiv, il-vettura kienet qed tintuża sabiex jitgħabba xi materjal fiha stess u dan permezz tal-*lifter* li mid-dehra jifforma parti mill-istess vettura.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut jgħid li din l-azzjoni messha saret *ai termini* tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-Tribunal jagħmel tiegħu l-ispjegazzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Elmo Insurance Limited vs. Kunsill Lokali Gżira*** (Appell numru 21/2012AE deċiż fis-27 ta' Ottubru 2015) fejn intqal (enfasi tal-Qorti tal-Appell):

"*It-Titlu ta' regolament 1.2 ta' Skeda numru 4 hu* ***Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*** *u mhux Tilwimiet dwar Vetturi bil-Mutur. Ghal din il-qorti minn dan it-titlu hu car li l-procedura ta' arbitragg mandatorju ma japplikax f'kull kaz ta' hsara involontarja fejn tkun*

*involuta vettura. Li kieku l-legislatur kellu l-intenzjoni li din il-procedura tapplika ghal kull kaz bhal dak kien jipprovdi regolament generali, kif ghamel fil-kaz tal-tilwim li ghandu x'jaqsam mal-provista tal-elettriku u l-ilma u fejn ried jeskludi r-regolament qal espressament (regolament 1.3).*"

Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid:

"*Din il-qorti zzid li anke fejn hemm dubju, dan ghandu jmur kontra l-applikazzjoni tal-procedura tal-arbitragg mandatorju li wara kollox hi ta' natura straordinarja gialadarba l-arbitragg hu min-natura tieghu fakoltattiv u fil-principju jesigi l-kunsens tal-partijiet.*"

It-Tribunal jirreferi anki għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Argus Insurance Agencies Limited noe et vs. Kunsill Lokali Naxxar et*** (Appell numru 859/2015 deċiż fid-29 ta' Lulju 2016) fejn deċiżjoni ta' dan it-Tribunal (diversament ippresedut) ġiet irrevokata wara li f'dik l-okkażjoni partikolari, dan it-Tribunal (diversament ippresedut) kien akkolja l-eċċezzjoni li huwa ma kellux ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi l-każ.

Fid-dawl ta' dan u in segwitu tal-każistika hawn ċitata, it-Tribunal ma jarax li hemm lok sabiex jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

It-Tribunal jirriżerva li jipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**